MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 48/2009

**The Meat Factory Limited (C 43525)**

**Vs**

**1. Bay Catering Company Limited (C39785) u**
**2. Clarence Busuttil (ID 120859M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta u konvenut ghall-hlas ta' sebat elef erba' mija u sebghin Euro u tmienja u ghoxrin centezmi (€7470.28) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti ta' l-ikel ordnati minn u konsenjati lis-socjeta' intimata, li taghha l-intimat Clarence Busuttil huwa garanti solidali u indivizibbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 290/09, u bl-imghax kummerjcali mill-4 ta'

Settembru 2008, li hija d-data ta’ l-ahhar konsenja, kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti msemmija jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, l-istess konvenuti naqsu u ma dehrux fl-4 ta' Novembru 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta u lill-konvenut sabiex jhallsu solidalment bejniethom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €7470.28 bl-imghax kummercjali skond il-ligi mill-erbgha (4) ta’ Settembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 290/09.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------